MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 461/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**David Grech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. li, in forza tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskritturi privati datati 22 ta' Novembru 2005, 23 ta' Gunju 2006, 3 ta' Lulju 2006, 17 ta' Settembru 2007, 1 ta' Marzu 2008 u 18 t'April 2008 (Dok. "A", "B", "C", "D", "E" u "F"), fejn is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil David Grech.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta’ David Grech fis-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, hames mija u hdax-il Ewro u tlettax-il centezmu (€21,511.13) bilanc ghad-debitu fil-*“Loan Accounts”* ta’ David Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “G1 sa G3”, “H1 sa H3”, “I” u “J1 sa J8”), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Marzu 2012 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. “A”, “B”, “C”, “D”, “E” u “F”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi David Grech

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess David Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Daivd Grech gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Lulju 2010, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok ‘K’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab l-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok “A”, “B”, “C”, “D”, “E”, u “F”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi David Grech (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess David Grech li jipperikolaw jew

jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil David Grech ihallas lis-socjeta`attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u hdax-il Ewro u tlettax-il centezmu (€21,511.13) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta' David Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "G1 sa G3", "H1 sa H3", "I" u "J1 sa J8"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Marzu 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet ix-xhud viva voce.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat ghazel li ma jwegibx ghall-kawza, la deher ghas-smiegh u lanqas ipprezenta sottomissjonijiet ghalkemm hekk awtorizzat fis-16 ta' Ottubru 2012.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti tilqa' it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn David Grech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------